Tribunal Industrijali

Preliminari
Decizzjoni Numru 2477

Kaz Numru 3448/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Raymond Zammit

U

1) Segretarju Permanenti Ewlieni
2) Segretarju Permanenti Ministru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol
3) Direttur Generali Servizzi Edukattivi

Dwar allegazzjoni mill-impjieg li hi ngusta

Illum 15 ta' Mejju 2017

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 3 ta' Frar 2016 mill-Avukat Dr. Chris Said li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Raymond Zammit fejn talab fost affarijiet ohra li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Raymond Zammit maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. Chris aid u ghall-intimati deheret Dr. Fiorella Fenech Vella.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien tkecca ingustament ghax minkejja li kien assenti mix-xoghol dan kien ghal ftit hin u minhabba urgenza.

L-intimati fl-istqarrijiet taghhom qalu li mxew mal-proceduri li hemm stabbiliti u li dan it-Tribunal ma ghandhux kompetenza u li d-decizzjoni tal-Kummissjoni hija wahda gusta u valida.

**PROVI**

Bhala provi ma ngabux provi pero l-avukati illimitaw ruhhom fuq trattazzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijet minhabba n-natura tal-punti legali.

Illi dan it-Tribunal sema' s-sottomissjnijet tal-partijiet u jikkonkludi bis-segwenti.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li jaghmel referenza ghall-artiklu 82(2) (A) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta fejn specifikament ighid li it-Tribunal ghandu jassigura li ma jkunx hemm indhil fuq funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ghandu jastjeni mill-jiehu konjizzjoji ta' kull haga li taqa taht il-funzjonijiet ta' dak il-Kummissjoni.

It-Tribunal qieghed jidddeciedu u ser jastjeni mill- jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz ghax jidher li ma ghandhux kompetenza jiddeciedi kazijiet bhal dawn minhabba l-limitazzjoni imposta mill-Ligi u ghax r-rikorrenti huwa impjegat tal-Gvern u jaqa' taht il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, ra l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li dan it-Tribunal ma ghandhux kompetenza jiddecidi dan il-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes kontra r-rikorrenti Raymond Zammit.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman